MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Numru. 895/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohammed Moubarak Altayeb Adam ta` 37 sena bin Altayeb Mohammed u Magpulh Mohammed, imwieled Sudan nhar il-11 ta’ Novembru 1975, residenti x`imkien gewwa l-Marsa u detentur tal-karta ta` l-identita bin-numru 30108A

Talli;

Bejn il-lejl ta` 15 ta` Settembru 2013 u 15 ta` Settembru 2013 gewwa l-Ghassa tal-Marsa, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuana ta` wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra PC 34 George Scicluna, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil- hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu u kkaguna lil haddiehor u cioe lil PC 34 George Scicluna biza` li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b`hebb ta` xorta li ma titqisx vjolenza pubbliku u cioe` kontra ufficjali tal-Pulizija PC 34 George Scicluna u PC 987 Alexandre Vella Cassia filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il- bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi f`post pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kien fi stat ta` sacra li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu.

U aktar talli fl-istes data, hin , lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leggittimi ta` WPS 224 Suzanne Mifsud, Pc 34 George Scicluna u PC 987 Mark Alexandre Vella Cassia ufficjali Pubblici inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b xi modiehor, bla jedd , ndahal f`dmirijietu, bbilli ma halliex lill haddiehor jaghmel dak li b ligi jkun ordna jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun jaghmel skond il-Ligi jew b xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu that dispozizzjonijiet ohra ta` dan il-Kodici jew ta Ligi ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 96, 251A, 95, 338(dd), (bb), (ee), (ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-istess imputat hati skond l-akkuzi ddedotti kontra tieghu u ghal daqstant qiegheda tikkundanah sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------